MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2003

Numru 162/2003

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi u
Sp Robert Gregory)
vs
Sigismondo Mifsud, iben Valent,
imwieled Mqabba fl-1 ta' jannar, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli fl-10 ta' frar, 2003 u fix-xhur ta' qabel, ukoll wara nzul ix-xemx, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' kurrent elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata, bħala detentur ta' fond mingħajr isem sitwat f'barriera magħrufa bħala Ta' Sinna fi Triq il-Paroċċa, Mqabba, ikkometta serq ta' kurrent

elettriku mill-imsemmi fond għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin;
2. talli f'xi ħin bejn is-16 u it-18 ta' diċembru, 2002 minn San Gwann, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Isuzu, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBG 575, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin għad-dannu ta' Godwin Mifsud minn San Ġiljan;
3. talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' jannar, 2003 minn San Gwann, ikkometta serq ta' żewġ vetturi, waħda tal-għamla Citroen, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAE 606, u oħra tal-għamla Maruti, bin-numru tar-reġistrazzjoni BLE 033, kif ukoll oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin għad-dannu ta' Raymond Mallia minn San Gwann;
4. talli fil-lejl ta' bejn id-29 u it-30 ta' jannar, 2003 minn San Gwann ikkometta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin għad-dannu ta' Anthony Agius minn Birkirkara;
5. talli fil-lejl ta' bejn il-15 u is-16 ta' novembru, 2002 mill-Imqabba, ikkometta serq ta' bagalja u oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-lok għad-dannu ta' Ġuda taddeew Ghigo mill-Imqabba;
6. talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' novembru, 2002 minn Ħal-Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Bedford, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBB 875, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin għad-dannu ta' Francis Axisa minn Ħal-Qormi;
7. talli fil-11 ta' frar, 2003 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, xjentement, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, u cioe' l-vetturi u l-oġġetti msemmija hawn fuq, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
8. talli fl-10 ta' frar, 2003 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, volontarjament, ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara komplessivament tiskorri l-Lm50 iżda anqas minn Lm500, għad-dannu tas-sidien hawn fuq imsemmija;

9. talli fl-10 ta’ frar, 2003 u fix-xhur ta’ qabel f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer, saq vettura waqt li kien qiegħed jiskonta sentenza ta’ sospensjoni jew skwalifika mill-liċenzja tas-sewqan b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta’ ottubru, 2000;
10. talli fit-8 ta’ settembru, 2002, f’xi ħin wara nofs in-nhar minn Ħal-Luqa ikkometta serq ta’ mutur tal-għamla Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAF 664, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li valur ma jeċċedix l-elf lira maltin għad-dannnu ta’ Alfred Castaldi mill-Fgura;
11. talli sar reċidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta’ ottubru, 2000 u tas-27 ta’ april, 2001 liema sentenzi saru definittivi;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena tordna li l-imsemmi Sigismondo Mifsud jiġi skwalifikat mill-jottjeni liċenzja tas-sewqan għal dak il-perjodu li hu xieraq.

Rat il-presentencing report.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ ġunju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-seba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 264, 267, 269(ċ), 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat li l-imputat ikkolabora mal-pulizija u li llum qed jaħdem bi profitt. Għalhekk, tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali sentenza ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, tikkundannah li jħallas multa ta’ mitejn u ħamsin lirin maltin (Lm250) u tissosspendi kwalunkwe liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal żmien sena mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------